MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 243/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli fl-20 ta' Mejju 2003, ghall-habta tas-1:15 p.m. go Hal-Far, hedded bi kliem lil martu Margerita Zahra u tefaghlha oggett (container tal-plastic) fid-direzzjoni taghha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Lulju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Zahra hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Joseph Zahra pprezentat fis-27 ta’ Lulju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha jew a) tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija jew minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, b) tirriforma s-sentenza msemmija fir-rigward tal-piena billi minflok piena restrittiva tal-liberta` personali, tikkundannah piena pekunjarja stante c-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji: (1) l-Ewwel Qorti skartat ghal kollox ix-xiehda tieghu u accettat dik ta' martu; (2) il-piena hija ingustifikata fic-cirkostanzi tal-kaz.

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-**

Inoltre jigi osservat ukoll li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3].

L-appellant jghid illi mhux veru li waddab landa lejn wicc martu u li jidher li l-Ewwel Qorti baqghet impressjonata bil-fatt ta' korriment passat ta' martu.

Evidentement l-Ewwel Qorti, wara konsiderazzjoni tal-provi kollha li ngabu quddiemha, wara li kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9) u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ikkonkludiet li l-appellant kien hati ta' l-imputazzjoni dedotta. Fil-fatt hija qalet testwalment:

"Illi din il-Qorti wara li semghet ix-xhieda kollha tal-kaz hi tal-fehma li l-verzjoni ta' mart l-imputat hija dik li hija kredibbli, li ghandha mis-sewwa u li hu verosimili.

---

**Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Illi hija kwazi tad-dahk l-asserzjoni tal-imputat li jghid li ma tefax il-kontenitur izda telqu minn idejh. Dak li mhuwiex tad-dahk pero` huwa l-fatt illi Margaret Zahra garrbet mankament f'ghajnejha bis-swat ta' zewgha fil-passat u ghalhekk theddida ta' mankament da parti ta' zewgha hija minacca mill-aktar krudili u reali" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti, ma ssib l-ebda raguni sabiex tvarja l-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti. Inoltre l-kuntest li ghalih l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-mankament li kienet garrbet bis-swat ta' zewgha - u li ma gietx negat minnu - kien sabiex turi s-serjeta` tat-theddida li huwa ghamlilha fl-20 ta' Mejju 2003 u li waslet ghall-proceduri odjerni.

Kwantu ghall-piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[4].

Skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 9, id-detenzjoni hija wahda mill-pieni li tista' tinghata ghall-kontravvenzjonijiet. Jigifieri l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi. Barra minn hekk mill-fedina penali ta' l-appellant jirrizulta li huwa ghandu storja twila hafna ta' atti ta' vjolenza u agir aggressiv. Ghalhekk din il-Qorti ma tista' ssib l-ebda raguni sabiex tvarja l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

---

[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------